MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 155/2009

**Giuseppe Carabott u Dolores Carabott**

**-vs-**

**Stefania Carabott**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-18 ta’ Frar 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi l-atturi jiddetjenu bi qbiela mingħand l-Uffiċċju Konġunt (Dok. A) porzjon raba’ denominata ta’ Ħal-Ġinwi, Marsaxlokk, kompriż fl-imsemmija qbiela r-razzett bl-isem mhux uffiċjali ta’ “It-Tina Farmhouse”, ġia’ bl-isem ta’ “Rajjes”, li jinsab fi sqaq f’Ħal Ġinwi, limiti ta’ Marsaxlokk.

2. Illi l-konvenuta kienet miżżewġa lil Noel Carabott li jiġi bin l-attur Giuseppe Carabott u n-neputi ta' l-attriċi Dolores Carabott, li miet b'diżgrazzja tal-baħar.

3. Illi l-atturi kienu kkonċedew lill-imsemmi Noel Carabott u l-konvenuta sabiex jabitaw fl-imsemmi razzett, u dan fuq bażi ta' tolleranza u mingħajr ebda titolu kwalunkwe.

4. Illi wara l-mewt ta' l-imsemmi Noel Carabott, il-konvenuta mitluba sabiex toħroġ u tiżgombra mill-imsemmi razzett baqgħet inadempjenti.

Għaldaqstant l-esponenti qegħdin bil-qima jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, għar-raġunijiet fuq premessi:

1. Tipproċedi bid-dispensa tas-smiegħ skond l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

2. Tiddikjara li l-konvenuta qiegħda tokkupa r-razzett bl-isem ta' "It-Tina Farmhouse", ġia' "Rajjes Farmhouse", Ħal-Ġinwi, Marsaxlokk, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

3. Konsegwentement tipprefiġġilha żmien qasir u perentorju sabiex toħroġ u tiżgombra mill-imsemmi razzett u tirrilaxxah favur l-atturi battal u vakanti minn kull pussess, u fin-nuqqas li tagħmel dan, li l-esponenti jkunu jistgħu joħorġu l-mandati eżekuttivi opportuni għall-iżgumbrament tagħha mill-imsemmi fond;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali preżentata fit-12 ta' Jannar 2009 u bil-konvenuta minn issa nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Frar 2009 li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għas-seduta tal-lum;

Semgħet lill-konvenuta fl-istess seduta;

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum li permezz tiegħu l-kawża ġiet posposta għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti hija konvinta li l-konvenuta ma għandhiex eċċezzjonijiet validi xi tressaq peress li kkonfermat li hija ma kellhiex titolu validu biex tgħix fil-fond.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi, u għall-fini tat-tielet talba tipprefiġġi terminu ta' erba' xhur; spejjeż ikunu a karigu tal-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------